MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tas-27 ta' April, 2012

Appell Civili Numru. 327/2006/1

**Frederick Attard**
***versus***
***Malta International Airport p.l.c.***

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija fit-23 ta' Frar 2009 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li biha l-qorti laqgħet it-talba tal-attur għall-ħlas ta' paga u danni li ġarrab meta s-soċjetà konvenuta issospendietu mix-xogħol matul proċeduri ta' dixxiplina li eventwalment kienu nqatgħu favur tiegħu.

2. Il-fatti seħħew hekk: L-attur huwa impjegat bħala *senior officer* mas-soċjetà konvenuta. Is-soċjetà konvenuta kienet bdiet proċeduri ta' dixxiplina kontra l-

attur għax qalet illi kien xandar tagħrif falz illi lis-soċjetà għamlilha ħsara. Għalhekk, b'seħħ mill-5 ta' Mejju 2003, l-attur kien ġie sospiż mix-xogħol b'nofs paga. Il-bord ta' dixxiplina li sema' l-każ sab lill-attur "*guilty of acting irresponsibly*". L-attur appella u l-bord tal-appell qaleb id-deċiżjoni u sab illi l-attur ma kienx ħati.

3. Għalkemm id-deċiżjoni tal-bord tal-appell kienet notifikata lill-konvenuta fis-7 ta' Marzu 2005, l-attur kien iddaħħal lura għax-xogħol, bil-paga sħiħa, f'Lulju tal-2004. Ukoll, fil-11 ta' Ġunju 2004 b'taħrika mill-Pulizija Esekuttiva ċ-*Chief Executive Officer* tas-soċjetà konvenuta kien mixli quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli huwa "*omitted to pay wages due up to end of April 2004 amounting to Lm2156.99, the balance of the weekly allowance up to March 2004 amounting to Lm23.84, a one time special bonus amounting to Lm39 and 296 hours vacation leave amounting to Lm965.43 to Frederick Attard to the total of Lm3,185.26*". Il-konvenuta ħallset tlitt elef, mija u ħamsa u tmenin lira u sitta u għoxrin ċenteżmu (Lm3,185.26) qabel ma nstemgħet il-kawża, u għalhekk il-proċeduri kriminali ġew irtirati fl-24 ta' Ġunju 2004.

4. Billi deherlu illi, fid-dawl tad-deċiżjoni tal-bord tal-appell, is-sospensjoni tiegħu mix-xogħol ma kinitx ġustifikata, l-attur talab illi l-qorti tikkundanna lill-konvenuta tħallsu ħamest elef, ħames mija u tlieta u sebgħin lira u erbgħin ċenteżmu (Lm5,573.40) maqsuma hekk:

- elf, mitejn u disgħa u tmenin lira u tlieta u tmenin ċenteżmu (Lm1,289.83) bħala nofs il-paga mill-5 ta' Mejju 2003 sat-22 ta' Settembru 2003; u
- erbat elef, mitejn u sebgħa u tmenin lira u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm4,287.57) bħala danni minħabba telf ta' *allowances*, *bonus* u *cost of living allowances* mill-5 ta' Mejju 2003 sa Ġunju tal-2004.

5. Bis-sentenza appellata l-ewwel qorti laqgħet it-talbiet tal-attur sal-ammont ta' għaxart elef u erba' euro u ħamsin ċenteżmu (€10,004.50) – daqs erbat elef, mitejn u erbgħa u disgħin lira ta' Malta u tlieta u disgħin ċenteżmu (Lm4,294.93) flimkien ma' erba' minn ħamsa ($^{4}/5$) mill-ispejjeż – wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

«Dwar l-eċċezzjoni dwar *allowances* varji, fosthom *shift allowance*, *Sunday allowance*, *holiday allowance* u *overtime allowance*, is-soċjetà intimata tinsisti li dawn

m'għandhomx jitħallsu għax fil-fatt ix-xogħol ma sarx mir-rikorrent. Anthony Micallef, *administrator payroll* tas-soċjetà intimata, sostna li in kwantu għall-ħlas ta' *allowances* għal *shift*, *overtime*, festi u Ħdud, hu seta' jgħid li dawn jitħallsu biss lil dawk l-impjegati li attwalment jaħdmu x-*shift*, l-*overtime*, festa jew Ħadd. Iżda l-qorti ssib dan ir-raġunar ferm żbaljat għax huwa veru li min ma jaħdimx dawn is-sigħat m'għandux dritt għal ħlas, iżda hawn għandna każ fejn is-soċjetà intimata ma ħallitux hi lir-rikorrent jaħdimhom, u minħabba l-aġir żbaljat tagħha (kif jirriżulta mid-deċiżjoni tal-bord tal-appelli li kien żbaljat) ir-rikorrent bata li tilef dawn l-*allowances*. L-artikolu 1031 tal-Kap. 16 jagħmilha ċara "li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu". Huwa inutili li fin-nota responsiva s-soċjetà intimata tibqa' ssostni li kienet ġustifikata fl-aġir tagħha meta l-bord tal-appelli ikkonkluda mod ieħor. Bl-istess mod huwa inutili li fl-imsemmija nota jissemma l-artikolu 1030 tal-Kap 16, għax dan huwa każ li jaqa' taħt l-artikolu 1031. Huwa ovvju li Attard, li dejjem hadem is-sigħat kollha ta' Ħdud u festi meta dawn ġew offruti lilu, ma jistax ibati hu l-ħsara li ġrat (it-telf ta' *allowances*) meta responsabbli għall-aġir kienu xi uffiċjali tas-soċjetà intimata, u dak li ġara kien, skond ma irriżulta mid-deċiżjoni tal-bord, bi ħtija tagħhom. Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

«Ir-rikorrent irreklama Lm4,287.57 rapprezentanti *allowance*, *Government bonuses* u *cost of living adjustments* li huwa tilef matul il-perjodu li tħalla barra mix-xogħol. … … … Ir-rikorrent għalhekk isostni telf ta' Lm4,287.57, iżda l-qorti wara li eżaminat dokument *a fol.* 109 tal-proċess (*affidavit* ta' Austin Calleja) riferibbli għas-snin 2001 u 2002 fejn ta' sentejn jammonta għal Lm3,661, iżda wara li qieset awmenti li normalment ikun hemm, kif ukoll id-durata taż-żmien ta' sospensjoni u li għalhekk ir-rikorrent ma setax jibbenefika minn dawn l-*allowances* għall-perjodu releventi, kif ukoll għall-prinċipji hawn fuq imsemmija, tħoss li *arbitrio boni viri* għandha tapplika l-figura ta' €7,000.

«… … …

«Ir-rikorrent talab ukoll il-kundanna tas-soċjetà intimata fis-somma ta' Lm5573.40 in kwantu għal Lm1289.83 rappreżentanti nofs il-paga li ma ngħatatlux waqt l-

imsemmija sospensjoni u in kwantu għal Lm4,287.57 rappreżentanti ħlas ta’ danni. Dwar l-aħħar ammont imsemmi l-qorti ġà ipprovvdiet … hawn fuq. Jifdal għalhekk li l-qorti teżamina jekk hux dovuti, kif mitlub mir-rikorrent, l-ammont ta’ Lm1,289.83.

«Skond ix-xhieda ta’ Austin Calleja, *Chief Financial Officer* mal-*Malta International Airport*:

«“Jekk wieħed jara x’ammonti kellu jieħu Frederick Attard bħala paga bażika u *bonuses* fl-2003 u l-2004, dawn huma Lm6,745 u Lm220 (2003) u Lm6,784 u Lm259 (2004), li jammontaw għal Lm14,008. Issa skond *reconciliation* tal-kumpannija, kif jista’ juri aħjar is-Sur Anthony Micallef, fl-2003 u l-2004 Frederick Attard gie mogħti kumpessivament l-ammont ta’ Lm13,639.05 bhala paga bażika, jiġifieri Lm368.95 inqas minn dak li suppost, u dan minhabba s-*settlement* li sar f’Ġunju tal-2004.”

«Fit-13 ta’ April 2004 id-Direttur tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impieg kiteb lic-*Chairman* tal-*MIA* u talbu jħallas Lm2,619.22, *basic wages* minn 08/01/04 sa 30/03/04 u *weekly allowance*, *one time special bonus* u 296 *hours vacation leave* (ara Dokument O). Fid-dokument Q, a differenza tad-Dokument O, żdied l-ammont ta’ Lm565.34 salarju għax-xahar ta’ April u għalhekk l-ammont tela’ għal Lm3,185.26. Dan tħallas permezz ta’ *cheque* fl-24 ta’ Ġunju 2004 meta kien hemm il-kawża quddiem il-Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali. Issa r-rikorrent jinsisti li s-soċjetà intimata ma ħallsitx nofs il-paga għall-perjodu mill-5 ta’ Mejju 2003 sal-21 ta’ Settembru 2003 meta r-rikorrent kien taħt sospensjoni b’nofs paga, u dana għax l-ammont ta’ Lm3,185.26 jikkorrispondi għal dak f’Dokument Q filwaqt li s-soċjetà intimata tgħid li minn dan l-ammont huwa dovut biss Lm368.95. Iżda l-qorti tħoss li dwar dan l-aspett għandha toqgħod fuq il-provi miġjuba mir-rikorrent għax infatti dwar l-ammont ta’ Lm368.95 anqas ma ngħatat spjega suffiċjenti ta’ kif is-soċjetà intimata waslet għal dan l-ammont. Għalhekk l-ammont dovut taħt din is-sezzjoni huwa ta’ Lm1,289.83, ossija €3004.50.»

6. Is-soċjetà konvenuta appellat minn din is-sentenza b’rikors tat-13 ta’ Marzu 2009. L-aggravji huma tlieta: i. dwar jekk kellhomx jitħallsu bħala danni l-*allowances* b’żjieda mal-paga; ii. dwar il-*quantum* ta’ sebat elef euro

(€7,000) bħala likwidazzjoni ta’ dawn id-danni; u iii. dwar il-ħlas tal-paga.

7. Il-konvenuta fissret l-ewwel aggravju hekk:

«Fir-rigward tal-pretensjoni tar-rikorrent appellat [għall-ħlas ta’ *allowances*], l-ewwel onorabbli qorti tidher, minn qari tas-sentenza, li mxiet b’ċerta logika, fis-sens illi (i) taċċetta l-fatt illi min ma jaħdimx “dawn is-sigħat ma għandux dritt għal ħlas” ta’ *allowances* relatati; (ii) taċċetta li l-appellat ma ħadimx dawn is-sigħat għaliex kien sospiż minn xogħlu; (iii) tieħu in konsiderazzjoni l-fatt “illi l-bord tal-appell ta’ dixxiplina ma sabx lill-appellat ħati tal-akkużi miġjuba kontrieh; u (iv) konsegwentement l-appellat ma kellux jitlef dawn l-*allowances* għaliex ma kienx hu li *di buona volontà* għażel li ma jagħmilhomx, iżda s-soċjetà appellanti li żammitu minħabba s-sospensjoni.

«… … … dan ir-raġunament mhux korrett, *stante* li l-ewwel onorabbli qorti għażlet li tiskarta element ta’ prova li jbiddel iċ-ċirkustanzi kompletament: *cioè* id-dispożizzjonijiet tal-ftehim kollettiv.

«Ir-*ratio* tal-ewwel onorabbli qorti kien tali li, ladarba l-appellat ma nstabx ħati mill-bord tal-appell dixxiplinari, allura s-sospensjoni ma kinetx ġustifikata u rrekat dannu lill-appellat – dannu li konsegwentement kellha twieġeb għalih is-soċjetà appellanti. Dan ir-raġunament però jinjora għal kollox prova dokumentarja mressqa mill-appellanti u li fuqha tistrieħ it-tieni eċċezzjoni u jinjora l-ftehim kollettiv li jirregola l-proċeduri ta’ dixxiplina u li jistipula wkoll, b’mod l-aktar ċar, ir-rimedju li għandu impjegat jekk ma jinstabx ħati tal-akkużi miġjuba kontrieh, liema rimedju mhux dak li qed jitlob l-appellat ġà attur.

«L-elementi li wieħed irid janalizza fiċ-ċirkustanzi huma: (i) x’kienet ir-raġuni li għaliha ġie sospiż mix-xogħol ir-rikorrent appellat; (ii) jekk is-soċjetà appellanti kellhiex id-dritt li tissospendi lill-appellat fiċ-ċirkustanzi; (iii) jekk is-soċjetà appellanti marritx kontra xi dispożizzjoni tal-ftehim kollettiv, b’mod partikolari dawk li jirregolaw il-proċeduri ta’ dixxipiina; (iv) ir-rimedji li l-ftehim kollettiv jagħti lill-impjegati; u (v) jekk kien hemm xi ksur tad-dis-pożizzjonijiet tal-ftehim kollettiv da parti tas-soċjetà appellanti, jekk dan irriżultax f’xi telf effettiv lir-rikorrent appellat.»

8. Kompliet tfisser kif, fil-fehma tagħha, iċ-ċirkostanzi tal-każ kienu jiġġustifikaw is-sospensjoni tal-attur u illi hi kellha jedd timxi kif imxiet taħt il-ftehim kollettiv. Ukoll, l-istess ftehim kollettiv ma jagħtix jedd għall-ħlas ta' *allowances* jekk, wara l-proċeduri dixxiplinari, jinstab illi ma kienx hemm raġuni tajba għas-sospensjoni. F'kull każ, tkompli tgħid il-konvenuta, l-attur ma ġarrab ebda telf.

9. L-attur wieġeb illi "l-appell tas-soċjetà appellanti għandu prinċipalment kontenut fattwati peress illi huwa wieħed essenzjalment dwar l-apprezzament li ghamlet l-ewwel onorabbli qorti tal-provi li kellha quddiemha biex waslet għad-*decide* tagħha", u illi l-Qorti tal-Appell "bħala qorti ta' reviżjoni kemm jista' jkun ma tiddisturbax dak l-apprezzament".

10. Dwar l-ewwel aggravju l-attur kompla josserva illi s-soċjetà konvenuta abbużat mill-ftehim kollettiv għax "mhux talli qabdet u istitwiet proċeduri ta' dixxiplina fuq sempliċi allegazzjonijiet u mingħajr ma għamlet l-iċken verifika, talli pendenti l-appell mid-deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina mogħtija fit-28 ta' Awissu 2003 is-soċjetà appellanti kienet tenuta skond il-ftehim kollettiv li tissosspendi dawk il-passi dixxiplinarji". Igħid illi abbużat ukoll għax ma' dawk li mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli irriżulta li kienu huma responsabbli għall-inċident li wassal għas-sospensjoni tiegħu l-konvenuta ma mxietx kif imxiet miegħu, u wkoll għax damet kważi xahrejn biex tikkomunikalu d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli għalkemm hu kien qiegħed jistenna din id-deċiżjoni b'ansjetà.

11. L-attur igħid ukoll illi l-konvenuta mxiet bi ksur tal-liġi fi tliet okkażjonijiet li fissirhom hekk:

«B'ittra tat-22 ta' Settembru 2003 is-soċjetà appellanti ordnatlu "*to proceed on paid special leave (at the basic salary of a senior officer) until the conclusion of the eventual appeal*". Allura meta skond il-proċedura ta' dixxiplina u l-ftiehim kollettiv l-esponent kellu jidħol lura għax-xogħol bix-*shift* għax pendenti l-appell kellhom jiġu sospiżi dawk il-passi dixxiplinari komunikati lill-esponent, huwa issa ġie ordnat jibqa' barra mix-xogħol sakemm jintemm l-appell.

Fit-13 ta' Novembru 2003 is-soċjetà appellanti arbitrarjament u bla ebda pre-avviż ta' xejn iddeċidiet li

twaqqaf lill-esponent l-i*special leave with pay* u bidlitulu għal *forced vacation leave* u bdiet tnaqqarlu mill-*vacation leave entitlement* tiegħu. Dan imur kontra d-dispożizzjonijiet tal-*Employment & Industrial Relations Act*, Kap. 452, u kontra l-*Legal Notice* 38 tal-1989 (sostitwita b'*Legal Notice* 247/2003) *Organisation of Working Time Regulations*, artiklu 8. Id-deċiżjoni tas-soċjetà appellanti kienet għalhekk irrita u nulla.

F'Jannar 2004 is-soċjetà appellanti eżawriet il-*vacation leave entitlement* tal-appellat u addirittura waqqfet kompletament il-ħlas tas-salarju meta dan ukoll huwa assolutament projbit mill-liġi (ara artiklu 5, 15(1) u 45 tal-Kap. 452, *Employment & Industrial Relations Act*, u artiklu 24 tal-Kodiċi Kriminali) u kellha tkun l-azzjoni kriminali appożita li ġġiegħel lis-soċjetà appellanti li fl-24 ta' Ġunju 2004 tħallas l-arretrati tas-salarji u *dues* oħra (il-kawża kriminali kienet ġiet irtirata kontestwalment mal-ħlas …) u tirregola s-sitwazzjoni mill-ġdid skond il-liġi billi pendenti l-appell hija finalment issosspendiet dawk il-passi dixxiplinari komunikati lill-appellat u fl-1 ta' Lulju 2004 ordnatlu jidħol lura għax-xogħol normali.»

12. L-ewwel aggravju tas-soċjetà konvenuta huwa, fil-fehma ta' din il-qorti, ġustifikat.

13. L-ewwel qorti mxiet fuq il-premessa illi, għax il-bord tal-appelli ħeles lill-attur mill-ħtija, mela *ipso facto* s-soċjetà konvenuta ma kinitx ġustifikata li tibda l-proċeduri ta' dixxiplina. Dan, iżda, ma huwiex il-każ, fis-sens illi l-fatt illi l-attur ma nstabx ħati ma jfissirx bilfors illi l-konvenuta għamlet ħażin li bdiet il-proċeduri kontrieh.

14. Li rridu naraw hu jekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi magħrufa f'dak il-waqt, id-deċiżjoni tal-konvenuta li tmexxi kontra l-konvenut kinitx waħda doluża jew, għall-inqas, kolpuża.

15. Is-soċjetà konvenuta kienet ħadet passi dixxiplinari kontra l-attur għax kellha rapport illi, fiż-żmien meta fiċ-Ċina kien hemm epidemija tal-marda *severe acute respiratory syndrome* (*SARS*), l-attur kien għarraf lill-awtoritajiet tas-saħħa tal-ajruport illi żewġ ajruplani dirottati lejn Malta kellhom fuqhom passiġġieri minn dik il-parti tad-dinja. Dan it-tagħrif kien ħoloq allarm u paniku fost l-awtoritajiet li kellhom jaraw x'jagħmlu biex jieħdu

prekawzjonijiet biex il-marda ma tidħolx f'Malta. Ir-rapport li wasal għand il-konvenuta kien igħid ukoll illi l-attur kien stqarr illi dan kien għamlu b'ċajta.

16. Għalkemm, waqt is-smigħ tal-proċeduri ta' dixxiplina, dawn il-fatti kienu miċħuda mill-attur li twemmen mill-bord tal-appell, ir-rapport li wasal lill-konvenuta kien fih allegazzjonijiet serji biżżejjed ta' tixrid ta' tagħrif falz biex il-konvenuta tkun ġustifikata li tieħu l-passi li ħadet. Billi, wara li l-każ kien mistħarreġ mill-bord tal-appelli, ħareġ illi l-fatti kienu mod ieħor, ma jfissirx illi, fuq it-tagħrif li kellha l-konvenuta dak iż-żmien, għamlet ħażin jew imxiet *in mala fide* meta bdiet il-proċeduri ta' dixxiplina. Il-para. 1.2(a) tal-ftehim kollettiv jagħti lill-konvenuta s-setgħa ta' "sospensjoni sommarja li ddum fis-seħħ sakemm jinstema' u jiġi deċiż il-każ ta' dixxiplina", u għalhekk l-għemil tal-konvenuta jaqa' taħt l-art 1030 tal-Kodiċi Ċivili, mhux l-art. 1031 kif qalet l-ewwel qorti.

17. Il-ftehim kollettiv jaħseb ukoll għal x'jiġri matul iż-żmien ta' sospensjoni minħabba proċeduri ta' dixxiplina u x'jiġri jekk l-impjegat jinstab mhux ħati. Il-para. 1.2 (ċ) u (d) igħidu hekk:

«1.2(ċ) Impjegat sospiż jirċievi biss nofs il-paga bażika tiegħu matul il-perjodu ta' sospensjoni.

«1.2(d) Jekk l-impjegat akkużat ma jinstabx ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu, dan għandu jingħata lura n-nofs tal-paga bażika li tkun ġiet miżmuma lilu.»

18. Dan jikkuntrasta ma' dak li jgħid il-para. 1.3(a)(ii) meta l-kawża ta' sospensjoni ma tkunx proċeduri ta' dixxiplina iżda proċeduri quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali:

«F'każ li l-impjegat ma jinstabx ħati mill-Qorti Kriminali u mill-Qorti tal-Appell (jekk ikun il-każ), dan jekk ikun ġie sospiż mill-Kumpannija għandu jingħata lura nofs il-paga bażika u dawk l-*allowances* kollha relatati ma' xogħol b'xift, jekk ikun il-każ, li jkunu ġew miżmuma lilu u jintalab jerġa' jidħol lura għax-xogħol fil-pożizzjoni li kien jokkupa qabel ma kien ġie sospiż mill-impjieg.»

19. Għal xi raġuni li ma hijiex relevanti għall-għanijiet tal-kawża, il-ftehim bejn il-konvenuta u l-impjegati tagħha kien illi impjegat sospiż minħabba proċeduri dixxiplinari – bħal ma kien l-attur – jingħata biss in-nofs tal-paga li jkun inżammlu jekk jinstab mhux ħati, waqt illi jingħata mhux

biss nofs il-paga iżda wkoll l-*allowances*, *etc.* dak l-impjegat li kien sospiż wara proċeduri kriminali. L-attur għalhekk għandu jedd għal nofs il-paga iżda mhux ukoll għall-*allowances*.

20. L-attur iżda igħid illi l-konvenuta għamlet ħażin li żammitu sospiż u tellfitu mil-*leave entitlement* wara li appella mid-deċiżjoni tal-bord ta' dixxiplina. Jistrieħ fuq il-para. 1.5(ċ) tal-ftehim kollettiv illi jgħid illi:

«Sakemm tittieħed deċiżjoni mill-Bord tal-Appell, jiġu sospiżi dawk il-passi dixxiplinari li kienu ġew komunikati lill-impjegat.»

21. Id-deċiżjoni tal-bord ta' dixxiplina ngħatat fit-28 ta' Awissu 2003 u l-attur iddaħħal lura għax-xogħol fit-22 ta' Settembru 2003. Mill-proċess ma jidhirx meta sar l-appell, iżda wkoll jekk l-attur appella minnufih wara d-deċiżjoni tal-bord, id-dewmien biex iddaħħal lura kien biss ta' ftit jiem. Meta tneħħietlu s-sospensjoni, iżda, l-attur tqiegħed fuq *special leave with pay* u, b'seħħ mit-13 ta' Novembru 2003, tqiegħed fuq *forced vacation leave*. Huwa dwar dan li qiegħed jilmenta l-attur, għax igħid illi s-soċjetà konvenuta "naqqritlu" mil-*leave entitlement* tiegħu bi ksur tal-liġi.

22. Dan huwa minnu, iżda, kif jistqarr l-attur stess, wara li ttieħdu proċeduri kriminali kontra s-soċjetà dwar dan, is-soċjetà ħallsitu tal-*vacation leave* u drittijiet oħra, u ma jistax issa jistenna li jerġa' jitħallas għal dan.

23. Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, u għar-raġunijiet imfissra fuq, l-attur ma kellu ebda jedd li jitħallas l-*allowances* li qiegħed jippretendi, u ġà tħallas għal-*leave entitlement*. Għalhekk id-deċiżjoni tal-ewwel qorti, safejn illikwidat dawn il-pretensjonijiet bħala danni fis-somma ta' sebat elef euro (€7,000) għandha tiġi mħassra.

24. It-tieni aggravju tal-konvenuta jolqot il-likwidazzjoni tad-danni fis-somma ta' sebat elef euro (€7,000). Billi, għar-raġunijiet mogħtija fil-konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel aggravju, dawn id-danni ma għandhomx jitħallsu, ma huwiex meħtieġ illi l-qorti tqis dan l-aggravju.

25. L-aħħar aggravju jolqot il-paga. It-talba tal-attur, li ntlaqgħet mill-ewwel qorti, hija għal elf, mitejn u disgħa u tmenin lira u tlieta u tmenin ċenteżmu (Lm1,289.83) "bħala ħlas ta' nofs il-paga li ma ngħatatlux għall-perijodu mill-5 ta' Mejju 2003 sat-22 ta' Settembru 2003". Il-

konvenuta tgħid illi dik is-somma kienet parti mis-somma ta' tlitt elef, mija u ħamsa u tmenin lira u sitta u għoxrin ċenteżmu (Lm3,185.26) li tħallset f'Ġunju tal-2004 wara li fuq talba tad-Direttur tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali kienu ttieħdu proċeduri kriminali kontra l-konvenuta. Kien minħabba f'dan il-ħlas illi l-proċeduri ġew irtirati fl-24 ta' Ġunju 2004. Il-konvenuta iżda tammetti illi ma taqbilx mal-kalkoli tad-dipartiment għax tgħid illi kellha tagħti tliet mija u tmienja u sittin lira u ħamsa u disgħin ċenteżmu (Lm368.95) aktar, li baqgħet ma ħallsithomx.

26. L-attur wieġeb illi n-nofs tal-paga li ma ngħatalux għall-perijodu mill-5 ta' Mejju 2003 sat-22 ta' Settembru 2003 ma huwiex inkluż fis-somma ta' tlitt elef, mija u ħamsa u tmenin lira u sitta u għoxrin ċenteżmu (Lm3,185.26) li tħallset f'Ġunju tal-2004.

27. Fil-fatt it-talba tad-dipartiment fil-proċeduri kriminali dwar paga kienet għal "*wages due up to end of April 2004 amounting to Lm2156.99*". Il-konvenuta min-naħa l-oħra tgħid illi l-attur kellu jieħu, bħala paga, "in-nofs paga għall-perjodu bejn Mejju u Settembru 2003 (Lm1,291.49) [u] is-salarju bażiku għax-xhur ta' Jannar, Frar, Marzu u April 2004 (Lm2,156.95)". Jidher mela li hemm qbil (ħlief għal diskrepanza minima ta' erba' ċenteżmi) illi s-somma mitluba mid-dipartiment kienet għall-paga għax-xhur ta' Jannar, Frar, Marzu u April 2004, u mhux ukoll għan-nofs tal-paga għaż-żmien bejn Mejju u Settembru 2003.

28. Il-kwistjoni mela, kif tgħid il-konvenuta, hija jekk il-ħlas li sar f'Ġunju tal-2004 "kienx qed jitħallas versu dak rikjest mid-dipartiment [jew] versu dak li kellu jithallas lir-rikorrent appellat, skond ir-*records* tas-soċjetà".

29. *Prima facie*, jidher illi jekk qiegħed jintalab il-ħlas ta' dejn aktar reċenti (minn Jannar sa April 2004) bla ma jissemma d-dejn eqdem (minn Mejju sa Settembru 2003) mela d-dejn il-qadim hu mħallas. Ma ninsewx iżda illi dan id-dejn qadim kien għal żmien meta l-attur kien sospiż u qabel ma ntrefgħet is-sospensjoni f'Settembru 2004 għax sar l-appell. Għalhekk, f'Ġunju tal-2004 l-attur ma kienx għadu jista' jitlob in-nofs tal-paga li nżammitlu għaż-żmien meta kien sospiż. Dan iwaqqa' kull preżunzjoni li tista' tinħoloq mill-fatt illi ntalab il-ħlas tad-dejn aktar reċenti u mhux ukoll tad-dejn eqdem.

30. Rajna illi l-konvenuta stess tistqarr illi l-kalkoli tagħha kienu juru illi kellha tagħti tliet mija u tmienja u sittin lira u ħamsa u disgħin ċenteżmu (Lm368.95) aktar minn kemm talab id-dipartiment. Mela jekk, kif qiegħda tgħid hi, ħallset dak li kienu juru l-kalkoli tagħha u mhux dawk tad-dipartiment, għala ħallset preċiżament dak li talab id-dipartiment u mhux dak li l-kalkoli tagħha juru li kellha tagħti? Il-fatt illi l-ħlas sar preċiżament kemm talab id-dipartiment u bla riżerva juri illi meta ħallset l-attriċi aċċettat il-kalkoli tad-dipartiment.

31. Fil-fatt, id-diskrepanza fil-kalkoli tal-attriċi hija biss ta' tliet mija u tmienja u sittin lira u ħamsa u disgħin ċenteżmu (Lm368.95) u mhux ta' elf, mitejn u disgħa u tmenin lira u tlieta u tmenin ċenteżmu (Lm1,289.83), daqskemm qiegħed jitlob l-attur, għax il-konvenuta ikkalkolat il-kumpens għal *leave entitlement*, *etc.* f'somma anqas milli ikkalkolah id-dipartiment. Jekk iżda d-dipartiment irtira l-proċeduri kriminali fuq il-premessa illi sar il-ħlas mitlub minnu, ma tistax issa l-konvenuta tgħid illi l-ħlas li għamlet jiġi imputat kif trid hi u mhux kif ried id-dipartiment.

32. Il-konvenuta għalhekk fadlilha tagħti elf, mitejn u disgħa u tmenin lira u tlieta u tmenin ċenteżmu (Lm1,289.83) – daqs tlitt elef u erba' euro u ħamsin ċenteżmu (€3,004.50) – bħala n-nofs tal-paga tal-attur li nżamm għaż-żmien mill-5 ta' Mejju 2003 sat-22 ta' Settembru 2003 meta l-attur kien sospiż

33. Dan l-aggravju tal-konvenuta huwa għalhekk miċħud.

34. Il-qorti għal dawn ir-raġunijiet tiddisponi mill-appell billi tilqgħu dwar il-kundanna għall-ħlas ta' sebat elef euro (€7,000) bħala danni iżda tiċħdu dwar il-kundanna għall-ħlas ta' elf, mitejn u disgħa u tmenin lira u tlieta u tmenin ċenteżmu (Lm1,289.83) – daqs tlitt elef u erba' euro u ħamsin ċenteżmu (€3,004.50) – bħala arretrati ta' paga. Għalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha fejn ikkundannat lis-soċjetà konvenuta tħallas sebat elef euro (€7,000) bħala danni u tikkonfermaha fejn ikkundannat lill-istess soċjetà tħallas tlitt elef u erba' euro u ħamsin ċenteżmu (€3,004.50) bħala ħlas ta' nofs il-paga li ma ngħatatx lill-attur għaż-żmien mill-5 ta' Mejju 2003 sat-22 ta' Settembru 2003.

35. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jinqasmu hekk: żewġ ishma minn tlieta (⅔) jħallashom l-attur u sehem minn tlieta (⅓) tħallsu s-soċjetà konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------